DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Ġunju 2013

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/884/UE dwar il-miżuri ta' emerġenza rigward ross modifikat ġenetikament mhux awtorizzat fi prodotti tar-ross li joriġinaw miċ-Ċina

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/287/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/884/UE tat-22 ta' Diċembru 2011 dwar il-miżuri ta' emerġenza rigward ross modifikat ġenetikament mhux awtorizzat fi prodotti tar-ross li joriġinaw miċ-Ċina u li tħassar id-Deċiżjoni 2008/289/KE [2] tipprovdi għal reviżjoni tal-miżuri ta' emerġenza provduti hemmhekk sabiex jiġi vvalutat ikunux għadhom meħtieġa u adattati għall-għan mixtieq.

(2) Sa mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/884/UE, kien hemm 56 notifika mill-Istati Membri lis-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) kif stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 178/2002 rigward ross modifikat ġenetikament mhux awtorizzat fi prodotti tar-ross li joriġinaw miċ-Ċina. Skont dawn il-kundizzjonijiet, il-miżuri ta' emerġenza stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/884/UE jridu jinżammu sabiex jimpedixxu t-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf modifikati ġenetikament li ma jkunx kopert b'awtorizzazzjoni mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3].

(3) Mill-esperjenza miksuba mill-Istati Membri tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/884/UE, u minn informazzjoni miġbura mingħand il-partijiet interessati mill-Kummissjoni, jidher ukoll neċessarju li jiġu aġġustati uħud mir-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni.

(4) B'mod partikolari, il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri wrew li prodotti oħrajn li jista' jkun fihom ir-ross għandhom jiżdiedu mal-ambitu tad-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni 2011/884/UE. Il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu kontrolli fiżiċi fuq prodotti oħra għandha tiġi pprovduta wkoll.

(5) Barra minn hekk, xi Stati Membri enfasizzaw matul il-proċess ta' reviżjoni li r-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/884/UE fir-rigward tan-notifika minn qabel tal-konsenji mhumiex allinjati għal kollox mar-rekwiżiti previsti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE [4] u, fejn applikabbli, fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 136/2004 tat-22 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi proċeduri għal kontrolli veterinarji f'postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri tal-Komunità fuq prodotti importati minn pajjiżi terzi [5]. Ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 jistipula l-obbligu li l-operaturi tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jimlew il-Parti 1 tad-dokument komuni tad-dħul imniżżel fl-Anness II tiegħu meta jimportaw għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali li jkun kopert f'dak ir-Regolament. Bl-istess mod, ir-Regolament (KE) Nru 136/2004 jipprovdi għal obbligu li jimtela d-dokument veterinarju komuni tad-dħul imniżżel fl-Anness III tagħha meta jimportaw prodotti li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Bil-għan li titjieb l-effiċjenza tal-kontrolli uffiċjali, huwa għalhekk xieraq li jiġu allinjati r-rekwiżiti dwar in-notifika minn qabel li ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/884/UE ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 669/2009 u, fejn applikabbli, fir-Regolament (KE) Nru 136/2004. Sabiex ikun evitat fehim ħażin, għandu jkun ukoll speċifikat f'dik id-Deċiżjoni li n-notifikazzjonijiet minn qabel għandhom jiġu indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti fil-Post ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera jew fil-punt tad-dħul magħżul.

(6) Il-metodoloġiji tat-teħid tal-kampjuni għandhom rwol kruċjali fil-ksib ta' riżultati rappreżentattivi u komparabbli; L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/884/UE jiddefinixxi protokoll komuni għat-teħid tal-kampjuni u l-analiżi għall-kontroll tan-nuqqas ta' ross modifikat ġenetikament. L-esperjenza s'issa wriet li l-maġġoranza tal-importazzjonijiet koperti mid-Deċiżjoni huma prodotti pproċessati. F'każijiet bħal dawn, il-preżenza ta' ross modifikat ġenetikament mhux awtorizzat tkun mistennija titqassam omoġenjament fil-lott kollu. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, jidher meħtieġ li jiżdied protokoll adizzjonali ta' kamjunar li jkun aktar xieraq għal dawn il-prodotti.

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
[2] ĠU L 343, 23.12.2011, p. 140.
[3] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.
[4] ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11.
[5] ĠU L 21, 28.1.2004, p. 11.

(7) Huwa neċessarju li jkun ipprovdut perjodu transizzjonali ġdid għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda li jinsabu f'din id-Deċiżjoni sabiex l-operaturi tan-negozju tal-ikel u l-għalf ikollhom iż-żmien jadattaw għas-sitwazzjoni l-ġdida maħluqa minn din id-Deċiżjoni.

(8) Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni possibbli ta' prodotti tar-ross b'linji ta' ross modifikat ġenetikament mhux awtorizzat għandha tibqa' tiġi riveduta regolarment sabiex jiġi evalwat jekk il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni għadhomx meħtieġa u adattati għall-għan imfittex u biex jiġi assigurat li jitqiesu l-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi ġodda.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/884/UE, hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-prodotti elenkati fl-Anness I, li joriġinaw miċ-Ċina jew ġew konsenjati minnha.

2. L-Istati Membri jistgħu jwettqu kontrolli fiżiċi aleatorji skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni dwar l-ikel u l-għalf li joriġina fiċ-Ċina jew ikkonsenjat minnha minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1 iżda li jistgħu jikkonsistu, fihom jew huma prodotti mir-ross, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 4(3) u 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

3. Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal kunsinni tal-ikel u l-għalf imsemmija fil-paragrafi 1 li huma destinati għall-konsum u l-użu personali biss. F'każ ta' dubju, l-oneru tal-provi huwa fuq min jirċievi l-konsenja".

(2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Notifika minn qabel

1. L-operaturi tan-negozju tal-għalf u l-ikel jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jagħtu notifika adegwata bilquddiem dwar id-data u l-ħin tal-wasla fiżika tal-konsenja u n-natura tal-konsenja lill-awtoritajiet kompetenti fil-Post ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera jew fil-Punt tad-Dħul Magħżul, kif xieraq. L-operaturi jridu jindikaw ukoll jekk il-klassifikazzjoni tal-prodott hiex ta' ikel jew għalf.

2. Għal dak il-għan, għandhom jimlew il-partijiet relevanti tad-dokument komuni tad-dħul (DKD) imsemmi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 669/2009, jew id-dokument veterinarju komuni ta' Dħul (CVED), kif inhu previst fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 136/2004 (*), u jibagħtu dak id-dokument lill-awtorità kompetenti fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera jew fil-punt tad-dħul magħżul kif xieraq, mill-inqas ġurnata waħda taxxogħol qabel ma tasal il-konsenja.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal prodotti msemmija fl-Anness I li ma fihomx ross, ma jikkonsistux minn ross, jew ma humiex prodotti mir-ross.

(*) ĠU L 21, 28.1.2004, p. 11."

(3) Il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikoli 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Kull konsenja ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun akkumpanjata minn rapport analitiku għal kull lott, u minn ċertifikat tas-saħħa skont il-mudelli stabbiliti fl-Annessi III u IV, kompluti, iffirmati u vverifikati minn rappreżentant awtorizzat tal-"Ispezzjoni tad-Dħul u l-Ħruġ u l-Uffiċċju tal-Kwarantina tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina" (AQSIQ). Ir-rapport analitiku u ċ-ċertifikat tas-saħħa għandhom jitfasslu f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-importazzjoni, jew f'xi lingwa oħra li l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru jkunu ddeċidew li jaċċettaw.

2. Meta prodott imsemmi fl-Anness I ma fihx ross, ma jikkonsistix minn ross jew ma jkunx prodott mir-ross, minflok ir-rapport analitiku u ċ-ċertifikat tas-saħħa tista' tingħata stqarrija mill-operatur responsabbli mill-konsenja li tindika li l-ikel jew għalf ma fihx ross u mhux magħmul jew prodott mir-ross. Iċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jitfasslu f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-importazzjoni, jew f'xi lingwa oħra li l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru jkunu ddeċidew li jaċċettaw."

(4) L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Kontrolli uffiċjali

1. Kull konsenja ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 hija soġġetta għal kontrolli dokumentarji biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni stipulati fl-Artikolu 4.

2. Meta konsenja ta' prodotti minbarra dawk deskritti fl-Artikolu 4(2) ma tkunx akkumpanjata minn ċertifikat tas-saħħa u r-rapport analitiku stipulat fl-Artikolu 4, il-konsenja għandha tintbagħat mill-ġdid lejn il-pajjiż tal-oriġini jew tinqered.

3. Meta konsenja tkun akkumpanjata miċ-ċertifikat tas-saħħa u r-rapport analitiku stipulati fl-Artikolu 4, l-awtorità kompetenti għandha tieħu kampjun għall-analiżi b'konformità mal-Anness II għall-preżenza ta' OĠM mhux awtorizzati bi frekwenza ta' 100 %. Jekk il-konsenja tkun tikkonsisti minn bosta lottijiet, kull lott għandu jintbagħat għat-teħid tal-kampjuni u l-analiżi.

4. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza li l-konsenja tkompli fi triqitha sakemm joħorġu r-riżultati tal-kontrolli fiżiċi. F'dak il-każ, il-konsenja għandha tibqa' taħt il-kontroll kontinwu tal-awtoritajiet kompetenti sakemm joħorġu r-riżultati tal-kontrolli fiżiċi.

5. Wara li jintemmu l-kontrolli stipulati fil-paragrafi 1 sa 4, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) timla l-parti rilevanti tal-Parti II tad-DKD jew, fejn xieraq, is-CVED; u l-uffiċjal responsabbli tal-awtorità kompetenti jittimbra u jiffirma l-oriġinal ta' dak id-dokument;

Id-DKD jew, fejn xieraq, is-CVED, jista' jitlesta biss meta r-riżultat tal-analiżi msemmija fil-paragrafu 3 jkun disponibbli.

(b) jagħmlu u jżommu kopja tad-DKD iffirmat u ttimbrat jew, fejn xieraq, tas-CVED.

Id-DKD oriġinali jew, fejn xieraq, is-CVED oriġinali jmur mal-konsenja tul il-vjaġġ tagħha sakemm tasal fid-destinazzjoni msemmija fid-DKD jew CVED.

6. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-konsenji għandu jkun permess biss meta, wara t-teħid tal-kampjuni u l-analiżi li jitwettqu skont l-Anness II, il-lottijiet kollha ta' dik il-konsenja jitqiesu bħala konformi mal-Liġi tal-Unjoni. Din il-ħtieġa tapplika wkoll għal konsenji ttestjati f'konformità mal-Artikolu 1 (2)."

(5) L-Artikolu 9 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 9

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Sal-5 ta' Awwissu 2013, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' konsenji tal-oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(1) bl-eċċezzjoni tal-prodotti tal-Anness I li jikkorrispondu għall-Kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda 1905 90 60, 1905 90 90 u 2103 90 90, li jkunu fiżikament waslu fl-Unjoni qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni], anke jekk id-DKD ma jkunx ġie trażmess lill-awtorità kompetenti mill-inqas jum tax-xogħol qabel il-wasla fiżika tal-konsenja kif meħtieġ mill-Artikolu 3(2), sakemm ir-rekwiżiti l-oħra stabbiliti fl-Artikolu 3 jiġu mħarsa.

Sal-5 ta' Ottubru 2013, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' konsenji ta' prodotti li jikkorrispondu fl-Anness I għall-Kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda 1905 90 60, 1905 90 90 u 2103 90 90, li ma jilħqux il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3 u 4, sakemm l-awtorità kompetenti tkun wettqet teħid ta' kampjuni u analiżi skont l-Artikolu 5(3)."

(6) L-Annessi I u II għandhom jiġu emendati skont l-Anness I u II ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Artikolu 10 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Reviżjoni tal-miżuri

Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni għandhom jiġu riveduti regolarment sabiex iqisu, fejn xieraq, żviluppi ġodda fir-rigward tal-preżenza ta' OĠM mhux awtorizzati f'prodotti li joriġinaw fi jew huma konsenjati miċ-Ċina, jew rigward il-progress xjentifiku u tekniku l-metodi għat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi pprovduti f'din id-Deċiżjoni."

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/884/UE għandu jiġi emendat kif ġej:

"ANNESS I

LISTA TA' PRODOTTI

Prodott	Kodiċi NM
Ross fil-ħliefa ('paddy' jew aħrax)	1006 10
Ross bla ħliefa (brown)	1006 20
Ross miṫun jew nofsu miṫun, kemm jekk illustrat jew iġglejżjat jew le	1006 30
Ross imfarrak	1006 40 00
Dqiq tar-ross	1102 90 50
Ross miṫun oħxon (groats) u pasta	1103 19 50
Gerbub tar-ross	1103 20 50
Ross imqatta' rqiq	1104 19 91
Qmuħ taċ-ċereali rrumblati jew imqattgħin f'biċċiet irqaq (għajr għal qmuħ tal-ħafur, qamħ, segala, qamħirrum u xgħir, u ross imqatta' f'biċċiet irqaq)	1104 19 99
Lamtu tar-ross	1108 19 10
Ṫejjijiet għall-użu mit-trabi, f'imballaġġ għall-bejgħ bl-imnut	1901 10 00
Għaġin mhux imsajjar, mhux mimli jew ippreparat mod ieħor, li fih il-bajd	1902 11 00
Għaġin mhux imsajjar, mhux mimli u mhux ippreparat b'modi oħrajn, li ma fihx bajd	1902 19
Għaġin mimli, imsajjar jew ippreparat mod ieħor jew le	1902 20
Għaġin ieħor (għajr għal għaġin mhux imsajjar, mhux mimli u mhux ippreparat b'modi oħrajn, u għajr għal għaġin mimli, sew jekk imsajjar jew le jew ippreparat b'modi oħrajn)	1902 30
Ikel ippreparat bl-infih jew ix-xiwi ta' ċereali jew prodotti ta' ċereali, miksuba minn ross	1904 10 30
Preparazzjoni tat-tip Müsli bbażata fuq qxur taċ-ċereali mhux mixwijin	1904 20 10
Ikel ippreparat miksub minn bċejjeċ ta' ċereali mhux inkaljati jew minn taħlitiet ta' bċejjeċ ta' ċereali mhux inkaljati u ta' ċereali inkaljati jew ċereali minfuħa, miksuba minn ross (għajr għal preparazzjonijiet tat-tip Müsli bbażati fuq bċejjeċ ta' ċereali mhux inkaljati)	1904 20 95
Ross, imsajjar minn qabel jew ippreparat b'modi oħrajn, mhux speċifikat jew inkluż imkien ieħor (għajr għal dqiq, xgħir miṫun oħxon u smida, preparazzjonijiet tal-ikel miksuba bl-infih jew ix-xiwi jew bċejjeċ ta' ċereali mhux inkaljati jew minn taħlitiet ta' bċejjeċ ta' ċereali mhux inkaljati u bċejjeċ ta' ċereali inkaljati jew ċereali minfuħa)	1904 90 10
Karta tar-ross	ex 1905 90 20

Prodott	Kodiċi NM
Gallettini	1905 90 45
Prodotti estruż jew espanduti, għat-togħma jew melħin	1905 90 55
Prodotti mogħtija forma jew mkabbrin, bil-ħlewwa (eż. Ħelu tal-frott, ħobż tal-passolina, panettone, meringues, Stollen tal-Milied, croissants, u xogħol ieħor tal-furnara)	1905 90 60
Prodotti mgħotija forma jew mkabbrin, mhux bil-ħlewwa, mhux aromatizzati u lanqas immellħa (eż. Pizzez, quiches u prodotti oħra mhux ħelwin tal-furnar.)	1905 90 90
Zlazi u preparati tagħhom; kondimenti mħalltin u ħwawar imħalltin	2103 90 90
Nuħħala, ponot u residwi oħra, sew jekk fl-għamla ta' pritkuni u sew jekk le, derivati mill-għarbiel, it-tħin jew ipproċessar ieħor ta' ross b'kontenut ta' lamtu li ma jaqbiżx il-35 % bil-piż	2302 40 02
Nuħħala, ponot u residwi oħra, sew jekk fl-għamla ta' pritkuni u sew jekk le, derivati mill-għarbiel, it-tħin jew ipproċessar ieħor ta' ross, għajr għal dak b'kontenut ta' lamtu li ma jaqbiżx il-35 % bil-piż	2302 40 08"

ANNESS II

L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/884/UE għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fil-punt 2.2 il-kliem "CEN/ISO 15568" jinbidel bi "CEN/TS 15568: 2007".

(2) Fil-punt 3, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Fil-każ ta' kampjuni ta' ħbub, il-laboratorju tal-kontroll magħżul għandu jieħu mill-kampjun tal-laboratorju omoġenizzat erba' kampjuni analitiċi ta' 240 gramma (l-ekwivalenti ta' 10 000 ħabba ross). L-erba' kampjuni analitiċi għandhom jintaħnu u jiġu analizzati ulterjorment b'mod separat. Żewġ estrazzjonijiet għandhom isiru minn kull kampjun analitiku. Għandu jsir test PCR għal kull element ġenetiku ĠM għal kull estrazzjoni b'konformità mal-metodi ta' monitoraġġ dettaljati fil-punt 4 hawn taħt.

Għall-prodotti pproċessati bħad-dqiq, l-għaġin jew il-lamtu kampjun analitiku wieħed ta' 125 g għandu jkun ippreparat mill-kampjun tal-laboratorju omoġenizzat. Dan il-kampjun analitiku għandu jintaħan, u minn dan il-kampjun żewġ estrazzjonijiet għandhom isiru b'test PCR għal kull element ġenetiku ĠM għal kull estrazzjoni b'konformità mal-metodi ta' monitoraġġ dettaljati fil-punt 4.

Il-konsenja għandha titqies mhux konformi jekk tal-inqas element ġenetiku ĠM jitqies bħala li jista' jinqabad f'talanqas kampjun analitiku wieħed tal-konsenja skont il-linji gwida stipulati fir-rapport tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-OĠM (EURL għal OĠM)."

(3) Fil-punt 5, il-kliem "l-EU RL GMFF" huma sostitwiti bil-kelmiet "EURL għal organiżmi ġenetikament modifikati".